MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Numru 517/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Johann Bugeja**
**Darren Bonnici**

**Seduta tal-lum 16 ta' Gunju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Johann Bugeja, ta' 20 sena, bin Emanuel u Angiolina *nee'* Ellul, imwieled Pieta', fil-25 ta' Dicembru, 1982, residenti 7, 'Franky & Johann, Triq in-Normanni, Qrendi, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 21683(M);

Darren Bonnici, ta’ 17-il sena, bin Mario u Victoria *nee’* Cassar, imwieled Pieta’ fil-05 ta’ Frar, 1986, r esidenti Block A, Flat 6, Triq Xandru D’Amato, Zurrieq, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 68886M;

U nakkuzahom talli fis-07 ta’ Gunju, 2003, ghall-habta tal-4.30p.m., fil-Bajja ta’ l-Ghadira, limiti tal-Mellieha:

(1) ikkomettejtu serq ta’ zewg mobile phones tal-marka ‘Nokia’ u flus fl-ammont ta’ tmintax-il lira Maltin u 25 centezmu (Lm18.25c), liema serq huwa kkawlifikat bil-valur li ma jaccediex il-mitejn lira Maltin, ghad-dannu ta’ Louise Farrugia u Enrica Aquilina;

(2) barra minn hekk int Johann Bugeja, wahdek akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garejt armi li jaqtghu u bil-ponta (imwies) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-art. 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fuq l-ammissjoni issib lill-imputati hatja.

Rat l-artikoli 261, 267, 279(a) tal-Kap 9, 13 Kap 16.

War li rat il-fedina penali tal-imputati u hadet in konsiderazzjoni l-eta zghira ta’ l-imputati u li rritornaw ir-rifurtiva, tqis li piena karcerarja ma tkunx addatata;

Ghalhekk tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien 18-il xahar skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 fil-konfront taz-zewg imputati u tikkundanna ulterjurment lil Johann Bugeja ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm30 fuq it-tieni akkuza.

Tordna l-konfiska taz-zewg movies esebiti.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputati stante li Darren Bonnici ghadu minorenni u li l-publikazzjoni ta’ isem Johann Bugeja jista’ jippregudika lill-imputat Darren Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------